MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 596/2001/1

**Steven Louis Agius**

**Vs**

**Dambal Caterers Limited**

**It-Tribunal**

Ra t-talba tal-attur ghal Lm997.32 (disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti hlas dovuta mis-socjeta' konvenuta ghal leave mhux mehud u mhux imhallas u ghas-salarju ghax xhur ta' Mejju 2000 u Gunju 2000.

Ra r-risposta fejn gie eccepit – lis alibi pendens u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-ammont mhux dovut ghaliex l-attur diga thallas l-ammont kollu lilu dovut.

Ra li l-kawza quddiem t-Tribunal Industrijali giet deciza fil-mori u saret riserva specifika ghat-talbiet tal-attur f'din il-

kawza. Ghalhekk l-eccezzjoni ta’ lis alibi pendens hi michuda.

Ra li s-socjeta’ konvenuta eccepiet ulterjorment l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2147C tal-Kodici Civili.

Ra d-dokumenti esebiti, n-noti u sema’ x-xhieda.

Illi dwar il-preskrizzjoni jinghad li skond l-artiklu imsemmi mis-socjeta’ konvenuta azzjonijiet “tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar ta’ l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghal hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu” jaqghu bit-trapass ta’ sena.

Dan l-artikolu ma ssemmiex hlas ghal granet ta’ leave mhux mehud.

Illi skond l-atttur is-socjeta’ konvenuta rrinunzjat ghall-preskrizzjoni meta offra s-somma ta’ Lm850.00c (tmien mija u hamsin lira Maltin) (ara ittra tal-avukat tas-socjeta’ konvenuta datat 15 ta’ Jannar, 2002).

Illi b’riferenza ghad-dokument a Fol 9 tal-process jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta accettat li hemm l-ammont ta’ Lm997.32 (disa’ mija u sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) dovut lill-attur.

Inoltre l-attur xehed li Joe Balzan ghas-socjeta’ konvenuta kien qal li kien se jibghat ic-cheque fi zmien qasir. Illi s-socjeta’ konvenuta ma kkontestatx din ix-xhieda. Illi hemm ukoll l-affidavit ta’ Paul Camilleri a Fol 31 tal-process li jikkonferma l-verzjoni tal-attur.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija u billi s-socjeta’ konvenuta accettat l-ammont dovut b’skrittura (Dok SAL a Fol 9) tal-process l-artikolu 2147C ma japplikax u ghalhekk l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni hi michuda.

Illi s-socjeta’ konvenuta ma resqet ebda prova biex tikkontesta l-verzjoni tal-fatti kif spejgat mill-attur.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni li l-attur kien thallas hi ukoll michuda.

Ghaldaqstant fil-waqt li jichad ir-risposta tas-socjeta' konvenuta jilqa' t-talba tal-attur u jordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm997.32 (disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) bil-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (14 ta' Awissu, 2001). Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------